# L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iggib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

### Ħarġa ġdida ta' *Il-Malti*

L-Akkademja tal-Malti, flimkien mal-Klabb Kotba Maltin, ħarġet l-edizzjoni numru 92 tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha *Il-Malti.* Din l-edizzjoni hija editjata minn Dr George Farrugia u tiġbor fiha numru ta' xogħlijiet akkademiċi. Flimkien ma' Dr Farrugia, il-bord editorjali kien iffurmat minn David Aloisio, Phyllis Debono, Dr Immanuel Mifsud u Ann Marie Schembri.

Fl-editorjal l-editur ifakkar li s-sena 2020 kellha tkun imfakkra mill-Akkademja tal-Malti bħala s-sena taċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha, imma minħabba l-imxija tal-Covid-19 kellhom jitħassru jew jiġu posposti numru ta' attivitajiet li kienu ppjanati. Dan ma waqqafx il-ħidma tal-Akkademja anzi din is-sitwazzjoni xprunatha biex tiffoka aktar fuq il-pubblikazzjonijiet tagħha, fosthom l-istampar ta' ktejjeb dwar l-ittri tal-alfabetti l-qodma tal-Malti, l-istampar ta' ktieb dwar is-sessiżmu fil-lingwa Maltija, u ħidma fuq żewġ ħarġiet ta' *Il-Malti* fosthom din il-ħarġa akkademika.

Wara din l-introduzzjoni ġenerali, l-editur jikkummenta fuq il-varjetà tax-xogħlijiet li nsibu f'din il-ġabra fosthom xogħlijiet ta' kritika letterarja minn Dr Charlò Camilleri O.C., Charles Casha, Sergio Grech, Prof. Adrian Grima u Emanuel Tanti; xogħlijiet ta' natura lingwistika u riċerka, minn Mons. Lawrenz Cachia, Paul Zahra u David Agius

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org

Muscat;  riċensjoni tal-Prof. Charles Briffa dwar il-poeżija ta' Jonathan Balzan, u intervista li saret minn Ivan Said lill-Kardinal Prospero Grech dwar *Dun Karm – Poet of Malta*. Din il-ħarġa tinkludi wkoll fiha numru ta' diskorsi li saru mill-Prof. Stanley Fiorini, Dr Mario Cassar u Trevor Żahra f'okkażjonijiet partikolari fosthom taħditiet organizzati mill-Akkademja stess, u rapport tal-ħidma kollha li wettqet l-Akkademja matul is-snin 2013-2015 miġbur minn Joseph P. Borg. Fl-aħħar tal-pubblikazzjoni nsibu linji gwida għall-edituri u l-bordijiet editorjali ta' *Il-Malti*.

Din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* hija ddedikata lill-memorja tal-għażiża Marlene Mifsud Chircop, riċerkatriċi dwar bosta oqsma marbuta mal-folklor Malti.

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Akkademja tal-Malti:
https://akkademjatalmalti.org/

27.07.2021